**QORTI CIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 29 ta' Jannar, 2024**

**Rikors Guramentat Nru: 446/2016 AF**

**Camus Africa Limited (C-58504)**

**u**

**Georges Osvald Fotso (Passaport Kameroon 01385272)**

**vs**

**OulalaGames Limited (C-59681)**

**u**

**Valery Bollier**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjetà attriċi Camus Africa Limited, li permezz tiegħu wara li ġie premess illi:

Georges Osvald Fotso in nom u in rapprezentanza ta' Camus Africa Limited iffirma *Subscription Agreement* (Dok. A) u *Deed of Adherance* (Dok. B) ma' OulalaGames Limited (C59681) liema kuntratti gew iffirmati nhar it-tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015).

F'tali kuntratti Camus Africa Limited iddikjarat illi l-intendiment taghha kienet li tinvesti tlett mija u tletin elf ewro (€330,000) sabiex dawn il-flejjes jigu riflessi f'ishma fis-socjetà intimata. Sabiex ihajjru dan l-investiment u pagament mill-atturi, il-konvenuti ghamlu diversi rapprezentazzjonijiet dwar l-operat tas-socjetà intimata fosthom: illi kien hemm diversi investituri, illi kien hemm strategija ta' riklamar b'sahhitha, illi l-operat kien ser ikun b'sahhtu u l-profitti maqsuma *pro rata* ghall-investiment ta' kull investituri. Sahansitra l-atturi gew mitluba jottemperaw ruhhom (ara kuntratt datat 17/7/15, Dok. C mehmuz) mal-ftehim gjà milhuq , ma' uhud minn dawn l-investituri Dok. D.

In ottemperanza mad-*Deed of Adherence* u s-*Subscription Agreement*, Camus Africa Limited ezegwixxiet pagamenti fl-ammont ta' mija u hamsin elf ewro (€150,000) (Dok.E). F'dak l-istadju l-atturi talbu ishma fil-valur trasferit kif ukoll informazzjoni dwar il-gestjoni tal-kumpannija fil-frattemp. L-informazzjoni li nghatat f'dak l-istadju kienet kompletament differenti ghal dik moghtija lill-atturi qabel l-iffirmar tal-kuntratti. Inoltre l-konvenuti rrifjutaw li johorgu kwalunkwe tip ta' ishma ghall-ammont imhallas. Aktar minn hekk, l-attur Fotso rcieva e-mail mill-konvenut Bollier (Dok. F) li kienet taqra illi jekk ma jsirx il-pagament rimanenti b'mod immedjat, huwa kien ser jirraportah lill-Awtoritajiet sabiex dawn jirrevokawlu l-permess ta' residenza.

F'dan l-istadju l-atturi riedu aktar informazzjoni dwar dak li kien sar mill-mija u hamsin elf Ewro (€150,000) minnhom imhallsa u

fuq kollox x'kien ghaddej fis-socjetà intimata. Effetivament irrizulta illi l-informazzjoni mghoddija lill-atturi qabel l-investiment u pagament kienet falza u intiza sabiex tinduci lill-atturi jinvestu fis-socjetà intimata bil-qerq.

Minn din l-indagini rrizultaw is-segwenti fatti li juru bic-car illi l-kunsens tal-esponenti kien karpit b'eghmil doluz u qerq fejn minghajr tali eghmil doluz u qerq, l-esponenti ma kienux jikkuntrattaw:

(i) L-unici investituri fis-socjetà intimata apparti s-socjetà rikorrenti kienu biss Swift Crom Industries LLC u Nadim-Prise Barday illi investew mitt elf euro (€100,000) u mija u ghoxrin elf ewro (€120,000) rispettivament. L-intimati zvijjaw lir-rikorrenti meta taw x'jifhmu illi kien hemm diversi investituri ohrajn li kienu ser jikkontribwixxu finanzjarjament b'kapital b'sahhtu sabiex in-negozju tas-socjetà intimata jirnexxi.

Huwa ovvju illi gialadarba l-ikbar investiment kien proprju dak tal-esponenti, is-socjetà intimata li hija socjetà intiza sabiex topera fil-qasam globali tal-gaming ma setghet qatt topera tajjeb b'tali mod li tiggenera profitt u dan peress illi sabiex socjetà topera b'success f'dan il-qasam, hemm bzonn miljuni ta' ewro investiti f'strategija ta' riklamar. Ghaldaqstant jirrizulta ben car illi s-socjetà intimata kellha karenza kbira ta' fondi. Jirrizulta illi l-esponenti gew ingannati fuq il-likwidità u l-investiment attwali fis-socjetà konvenuta;

(ii) L-esponenti skopra illi l-*administrative code* tas-socjetà intimata kien jafu biss l-intimat Valerie Bollier u ma kien qatt ser ikun mgharraf lilu jew lill-investituri l-ohrajn. Permezz ta' dan l-*administrative code* wiehed ikun f'posizzjoni illi jikkonferma l-profitti illi s-socjetà intimata setghet ghamlet bhala drittijiet ta' sensarija (*commissions*) minghand is-siti affiljati taghha. Illi gialadarba l-intimati rrifjutaw illi jghaddu l-*administrative code* lill-esponenti rikorrenti, l-istess

esponenti ma jista' qatt ikollhom ebda informazzjoni dwar kif is-socjetà intimata qieghda tircievi u thaddem tali drittijiet ta' sensarija (*commissions*). Effettivament l-attur ma kellu ebda introjtu garantit, bil-kontra tal-pagament *pro rata* li gie mwieghed fil-bidu.

(iii) Illi s-socjetà intimata kienet qieghda topera biss bis-sahha tal-investiment tar-rikorrenti. Di fatti s-socjetà intimata qatt ma ggenerat l-ebda profitt sahansitra lanqas ma qatt iggenerat kwalunkwe profitt li kapaci jkopri l-ispejjez tal-operat tas-socjetà nnifisha.

Il-qerq u l-eghmil doluz tal-intimati gie kkonfermat mil-fatt illi sal-lum qatt ma hargu ishma ekwivalenti ghall-ammont digà investit mill-esponenti. L-intimati laqghu ghandhom is-somma ta' mija u hamsin elf ewro u sahansitra nefquha, minghajr ebda spjegazzjoni jew raguni. Dan jindika li l-intimati lanqas qatt ma kellhom intenzjoni li johorgu ishma favur l-atturi ghal flus li hargu.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Prevja li taghmel kull dikjarazzjoni ohra opportuna, tiddikjara illi l-kunsens tar-rikorrenti fuq id-*Deed of Adherance* u fuq is-*Subscription Agreement*, it-tnejn in data tnejn (2) ta' Ottubru tas-sena elfejn u hmistax (2015), kif ukoll fuq il-ftehim in data 17 ta' Lulju 2015, kien ivvizzjat ghaliex mehud b'qerq u eghmil doluz;

2. Tiddikjara ghalhekk illi id-*Deed of Adherance*, is-*Subscription Agreement* iffirmati nhar it-tnejn (2) ta' Ottubru (2015) u l-ftehim datat 17 ta' Lulju, 2015, huma nulli, bla effett u ma jiswewx fil-ligi;

3. Tannulla, tirrexxindi u thassar il-kuntratti tad-*Deed of Adherance* u s-*Subscription Agreement* iffirmati nhar it-tnejn (2) ta' Ottubru (2015) u l-ftehim datat 17 ta' Lulju, 2015;

4. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex irroddu lura s-somma imhallsa mir-rikorrenti fl-ammont ta' mija u hamsin elf ewro (€150,000) skont il-kuntratti surreferiti;

5. Tillikwida d-danni sofferti mir-rikorrenti minhabba l-eghmil qarrieqi tal-intimati okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

6. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom sabiex ihallsu d-danni li din l-Onorabbli Qorti joghobha tillikwida;

Bl-ispejjez inkluzi tal-prezenti u tal-ittra ufficjali datata 4 ta' April 2016 kontra l-intimati, li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ġuramentata ta' Oulala Games Limited u Valery Bollier, li permezz tagħha ġie eċċepit illi:

Preliminarjament, l-intimat Valery Bollier ghandu jigi lliberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-atturi jew min minnhom.

Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-intimati jeccepixxu ulterjorment in-nuqqas ta' interess guridiku tal-attur Georges Osvald Fotso stante illi l-kuntratti relattivi mertu ta' din il-kawza u esebiti mill-atturi stess huma bejn is-socjetà attrici u dik intimata.

Fil-mertu, l-intimati jichdu l-pretensjonijiet tal-atturi fl-intier taghhom, liema pretensjonijiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt.

Primarjament fil-mertu, l-atturi ghandhom jippruvaw sal-grad rikjest mil-ligi l-allegazzjonijiet imqajma minnhom fir-rikors promotur, senjatament illi l-intimati kienu b'xi mod qerrqu bihom billi pprovdewhom b'informazzjoni falza u intiza biss sabiex tinduci lill-istess atturi sabiex jinvestu fis-socjetà intimata.

L-allegat eghmil doluz u/jew qerq ma jistax ikun prezunt u ghandu jigi ppruvat mill-atturi ai termini tal-Art. 981(2) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost u subordinament, assolutament mhuwiex minnu illi l-kunsens tas-socjetà attrici fuq is-*Subscription Agreement* (Dok. A) u fuq id-*Deed of Adherance* (Dok. B), it-tnejn datati 2 ta' Ottubru 2015, kien vizzjat b'qerq jew eghmil doluz.

Ghalhekk, id-*Deed of Adherance* u s-*Subscription Agreement* surreferiti minn dejjem kienu u ghadhom validi sal-lum, tant illi s-socjetà intimata qeghda titlob, permezz tal-kontro-talba taghha allegata ma' din ir-risposta, l-ezekuzzjoni tal-istess kuntratti. Ghaldaqstant it-tieni, it-tielet u r-raba t-talbiet attrici ghandhom jigu michuda.

Minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost u subordinament, certament illi ma jista' qatt jinghad illi l-intimati jew min minnhom kkawzaw xi danni lill-atturi jew min minnhom. Huma proprju l-istess atturi illi bid-decizjoni taghhom li ma jonorawx il-kuntratti surreferiti li kkawzaw – u ghadhom qeghdin jikkawzaw sad-data prezenti – danni lis-socjetà intimata. Ghaldaqstant, il-hames u s-sitt talbiet attrici ghandhom ukoll jigu michuda.

L-ispejjez tal-kawza m'ghandhomx jigu sopportati mill-intimati jew min minnhom.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, l-intimati umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom u tichad it-talbiet attrici kollha fl-intier taghhom, bl-ispejjez kollha kontra l-atturi jew min minnhom, li qeghdin minn issa jigu ngunti in subizzjoni.

Rat il-kontro-talba maħlufa tas-soċjetà konvenuta Oulala Games Ltd u Valery Bollier, li permezz tagħha wara li ġie premess illi:

L-esponenti huwa direttur tas-socjetà intimata u debitament awtorizzat li jirrapprezenta lill-istess socjetà intimata skont il-*Memorandum and Articles of Association* tal-istess socjetà

intimata, izda personalment huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mal-atturi jew min minnhom.

Is-socjetà intimata u s-socjetà attrici ffirmaw *Subscription Agreement u Deed of Adherence*, it-tnejn datati nhar it-tnejn (2) ta' Ottubru 2015, wara li s-socjetà attrici wriet interess qawwi illi tinvesti u ssir azzjonista tas-socjetà intimata.

Permezz ta' dawn il-kuntratti, is-socjetà attrici obbligat ruhha li takkwista tliet mija u sittin (360) sehem fis-socjetà intimata u dan versu 'subscription price' ta' tliet mija u tletin elf Ewro (€330,000) li kellu jithallas fl-intier tieghu entru tlett (3) ijiem mid-data tal-kuntratt.

Kif kienet taf tajjeb is-socjetà attrici, l-investiment taghha kien importanti hafna ghas-socjetà intimata sabiex din tkun tista' tfondi kampanja aggressiva ta' 'online marketing' bil-ghan illi tibda takkwista numru ta' klienti godda.

Sad-data preżenti, is-socjetà attrici ghadha trasferixxiet biss is-somma ta' mija u hamsin elf Ewro (€150,000), u dan bi ksur flagranti tal-kuntratti surreferiti u tal-obbligazzjonijiet minnha assunta fl-istess kuntratti.

Minkejja li s-socjetà intimata interpellat lis-socjetà attrici diversi sabiex taddivjeni ghall-hlas tal-ammont rimanenti diversi drabi, din tal-ahhar dejjem infurmat lis-socjetà intimata illi hija kienet ser thallas, u dan kif tixhed il-korrispondenza ta' bejn il-partijiet (hawn annessa u mmarkata bhala 'Dok. OG1') kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawża.

Minkejja dawn id-diversi weghdiet, is-socjetà attrici baqghet qatt ma onorat il-kundizzjonijiet kuntrattwali assunti minnha, u minflok issa qieghda tallega li l-kunsens taghha fuq is-*Subscription Agreement* u d-*Deed of Adherance* huwa vizzjat ghax mehud b'qerq u/jew eghmil hazin, u ghalhekk qieghda titlob ir-rexissjoni ta' dawn il-kuntratti.

Is-socjetà intimata dejjem pprovdiet lis-socjetà attrici bid-diversi dokumenti u informazzjoni sensittiva u kunfidenzjali dwar il-qaghda finanzjarja tas-socjetà intimata mitluba minnha, u dan

nonostante illi s-socjetà intimata ma kellha ebda obbligu li taghmel dan wara li kienu ffirmati l-kuntratti surreferiti.

L-informazzjoni u d-dokumentazzjoni kollha provduta mis-socjetà intimata lis-socjetà attrici hija awtentika u vera, u ghalhekk l-allegazzjoni illi tali informazzjoni, jew kwalunkwe dokumentazzjoni ohra li wasslet lis-socjetà attrici sabiex tiffirma tidhol f'obbligazzjoni kuntrattwali mas-socjetà intimata, kienet qarrieqa u/jew falza ghandha tigi michuda kategorikament fl-intier taghha.

Is-socjetà attrici, debitament rappeżentatata mill-attur Georges Osvald Fotso, dejjem wriet l-intenzjoni cara taghha li tkun azzjonista tas-socjetà intimata, u qatt ma allegat, qabel din il-kawża odjerna, li l-informazzjoni moghtija lilha kienet b'xi mod inveritiera.

Ghalhekk, qatt ma jista' jinghad illi l-kunsens tas-socjetà attrici fuq il-kuntratti tat-2 ta' Ottubru 2015 kien b'xi mod vizzjat ghaliex kien mehud b'qerq u/jew xi eghmil doluż min-naha tas-socjetà intimata.

Ghandu jinghad ukoll illi l-ksur tal-obbligazzjonijiet kuntrattwali tas-socjetà attrici kkawzat, u ghadha qed tikkawza, danni kbar lis-socjetà intimata u dan kif ser jigi ppruvat fil-mori tal-kawza permezz ta' prospett ta' danni.

In breve, l-investiment tas-socjetà attrici - li kellu jithallas kollu sal-5 ta' Ottubru 2015 - kien intenzjonat li jmur versu kampanja aggressiva ta' 'online marketing' sabiex is- socjetà intimata tkun tista' tikber u zzid il-klientela taghha fi zmien qasir, xi haga essenzjali fl-industrija tal-igaming li fiha topera s-socjetà intimata.  Dan ghalhekk wassal ghal telf sostanzjali ta' introjtu lis-socjetà intimata, liema dannu huma responsabbli ghalih l-atturi jew min minnhom.

Intalbet din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara illi abbazi tas-*Subscription Agreement* u d-*Deed of Adherance Surreferit*, is-socjetà attrici obbligat ruhha li

takkwista tliet mija u sittin (360) sehem fis-socjetà intimata versu 'subscription price' ta' tliet mija u tletin elf Ewro (€330,000), liema obbligazzjoni inkisret unilateralment mis-socjetà attrici minghajr raguni valida fil-ligi;

2. Tordna lis-socjetà attrici sabiex taderixxi ma' dawn l-istess obbligazzjonijiet kuntrattwali fi zmien qasir u perentorju, senjatament illi taddivjeni ghall-hlas ta' mija u tmenin elf Ewro (€180,000) rapprezentanti l-bilanc rimanenti tas-'Subscription Price' surreferit;

3. Tiddikjara illi l-agir tas-socjetà attrici kkawza, u ghadu qed jikkawza, danni lis-socjetà intimata;

4. Tillikwida d-danni sofferti mis-socjetà intimata minhabba tali agir tas-socjetà attrici okkorrendo bl-opra ta' periti nominandi;

5. Tordna u tikkundanna lill-atturi jew min minnhom sabiex ihallsu d-danni lis-socjetà intimata li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwida;

Bl-imghax u bl-ispejjez, inkluz tal-prezenti, kontra l-atturi jew min minnhom, li huma minn issa ngunti in subizzjoni.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta maħlufa tas-soċjetà attriċi u Georges Osvald Fotso għat-talbiet rikonvenzjonali tas-soċjetà konvenuta Oulala Games Limited u Valery Bollier li permezz tagħha eċċepew illi:

In linea preliminari jigi eccepit illi George Osvald Fotso ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju stante illi huwa ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjetà intimata rikonvenzjonanti.

Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, minkejja li hu minnu li l-partijiet dahlu fi ftehim, il-kunsens moghti da parte tar-rikorrenti rikonvenzjonati fid-*Deed of Adherance*, fis-*Subscription Agreement* it-tnejn datati 2 ta' Ottubru 2015 u fil-

ftehim l-iehor in data 17 ta' Lulju 2015 (annessi mar-rikors promotur tal-esponenti), huwa karpit minn ghemil doluz u qerq, fejn minghajr tali ghemil douz u qerq, l-esponenti ma kienux jikkuntrattaw. L-unika raguni ghalfejn is-socjetà attrici rikonvenzjonata "*wriet interess qawwi*" sabiex tinvesti u ssir azzjonista fis-socjetà intimata rikonvenzjonanti kien proprju minhabba r-rapprezentanzi foloz illi Valery Bollier ghamel lil Georges Osvald Fotso u lil Camus Africa Limited. Kien f'dan l-istadju pre-kontrattwali illi Valery Bollier approfitta mill-hbiberija tieghu mal-attur Georges Osvald Fotso sabiex b'qerq u ghemil doluz jikkonvincih jinvesti l-flejjes imsemmija fis-socjetà OulalaGames Limited tramite is-socjetà attrici Camus Africa Limited. Ghalhekk dan il-ftehim li llum huwa soggett ghal proceduri gudizzjarji ma jistax jigi onorat u enforzat; anzi kull ammont li già thallas ghandu jigi rifuz lir-rikorrenti rikonvenzjonati.

Ir-rikorrenti rikonvenzjonati ma arrekew ebda dannu lis-socjetà-rikonvenzjonanti anzi l-fatti juru l-oppost. Huma l-eccipjenti li sofrew danni minhabba l-qerq ezercitat fil-konfront taghhom.

F'kull kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, trid issir il-prova tad-danni allegatament sofferti mis-socjetà rikonvenzjonanti.

F'kull kaz it-talbiet tas-socjetà rikonvenzjonanti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet suesposti, r-rikorrenti rikonvenzjonati umilment jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tilqa' l-eccezzjonijiet taghhom u tichad it-talbiet tas-socjetà intimata rikonvenzjonanti kollha fl-intier taghhom, bl-ispejjez kollha kontra s-socjetà intimata rikoncenzjonanti, minn issa ngunti in subizzjoni.
Semgħet ix-xhieda.

Rat l-atti kollha.

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet finali.

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat illi permezz ta' din il-kawża r-rikorrenti ppremettew illi l-kunsens tagħhom kif rifless fuq id-*Deed of Adherence* u s-*Subscription Agreement* tat-2 t'Ottubru 2015 kienu vvizzjati b'qerq u dolo da parti tal-intimati. Talbu għalhekk lil Qorti sabiex tiddikjara l-imsemmija atti bħala nulli u mingħajr effett, tikkundanna lill-intimati għar-rifużjoni tal-ammont ta' €150,000 li tħallsu lilhom mir-rikorrenti. Talbu wkoll illi ssir il-likwidazzjoni tad-danni minnhom imġarrba u li konsegwentement l-intimati jiġu kkundannati jħallsu l-ammont likwidat.

L-intimati laqgħu billi preliminarjament eċċepew illi l-intimat Valery Bollier għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju stante illi m'għandu ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti. Eċċepew ukoll il-karenza t'interess ġuridiku fir-rikorrenti Fotso u dan peress illi l-atti mertu ta' din il-kawża ġew iffirmati bejn is-soċjetà rikorrenti u dik intimata. Fil-mertu eċċepew illi mhuwiex minnu li l-kunsens tar-rikorrenti kien vizzjat b'qerq u dolo.

L-intimati ressqu wkoll kontro-talba permezz ta' liema talbu lill-Qorti tiddikjara illi s-soċjetà rikorrenti kisret l-obbligazzjonijiet minnha assunti fuq id-*Deed of Adherence* u s-*Subscription Agreement* tat-2 t'Ottubru 2015 meta din unilateralment għażlet li ma tħallasx fl-intier tiegħu l-ammont ta' €330,000 kif pattwit fuq l-imsemmija atti. Talbu għalhekk illi s-soċjetà rikorrenti tiġi kkundannata tħallas is-somma ta' €180,000 li huwa l-bilanċ rimanenti mis-somma komplessiva ta' €330,000. Talbu wkoll dikjarazzjoni li l-aġir tas-soċjetà rikorrenti kkawża danni lis-soċjetà intimata. Konsegwentement talbu lill-Qorti tillikwida d-danni minnhom imġarrba u tikkundanna lir-rikorrenti jħallsu l-ammont likwidat.

Ir-rikorrenti laqgħu għall-kontro-talba billi eċċepew li l-investiment tagħhom fis-soċjetà intimata kien karpit b'qerq u dolo u li kienu biss tali makkinazzjonijiet li nduċew lir-rikorrenti sabiex jinvestu fis-soċjetà intimata. Komplew jeċċepixxu li huma r-rikorrenti li kawża ta' tali raġġiri ġarrbu danni.

Jirriżulta illi r-rikorrenti Fotso u l-intimat Bollier kienu jafu lil xulxin sa minn żmien l-università. Kien hemm perjodu fejn inqata' l-kuntatt għar-raġuni li wara li temmew l-istudji tagħhom kulħadd qabad triqtu. Ġara però li fis-sena 2015 ltaqgħu b'kumbinazzjoni u waqt li qegħdin jitkellmu u jirrakkontaw lil xulxin dwar in-negozju rispettiv tagħhom, l-intimat Bollier tkellem b'entużjażmu fuq il-proġett li Oulala Games Limited kienet qegħda taħdem fuqu u kien hawn li Bollier stieden lil Fotso sabiex jinvesti f'OulalaGames Limited.

L-investiment *de quo*, ai termini tad-*Deed of Adherence* u s-*Subscription Agreement* tat-2 t'Ottubru 2015 kien jikkonsisti fil-versament tas-somma komplessiva ta' €330,000 għall-akkwist ta' 360 sehem fis-soċjetà intimata. Ai termini tal-klawsola numru 2 tas-Subscription Agreement:

> "*The Subscriber shall effect payment of the Subscription Price to the Company by not later than three (3) days from the date of execution of this Agreement, by electronic transfer to such bank account as may be identified by the Company for the purposes*."

Mill-provi jirriżulta li s-soċjetà rikorrenti għaddiet is-somma ta' €150,000 f'diversi pagamenti, bl-ewwel pagament saħansitra sar qabel ma' ġew iffirmati d-*Deed of Adherence* u s-*Subscription Agreement* tat-2 t'Ottubru 2015.

Fotso xehed illi Bollier pinġa stampa sabiħa u promettenti ta' dan il-proġett li dahlet ghalih is-soċjetà intimata. Saħansitra għaddielu wkoll xi materjal promozzjonali sabiex jinkoraġġixxi lil Fotso jinvesti f'dan il-proġett. Fotso ssokta jgħid illi tant kien entużjast dwar dan il-proġett li ma riedx ikun sempliċi *silent partner* iżda ried jassumi rwol attiv tant illi ntroduċa lil Bollier u lis-soċjetà konvenuta ma' diversi kuntatti li Fotso diġà kellu fis-settur tal-iGaming.

In kontro-eżami r-rikorrenti xehed illi Bollier kien għaddielu abbozz tal-ftehim biss tant kien jafda lil Bollier li ammetta li lanqas biss qrah. L-intimati għaddewlu wkoll informazzjoni oħra biss lanqas din ma analizza qabel iffirma. Xehed illi l-abbozz u l-informazzjoni li kellu għaddiha direttament lill-avukati tiegħu

għall-iskrutinju tagħhom biss qabel ma stenna li jingħata l-parir kien diġà għadda xi flus lis-soċjetà intimata. Irriżulta li l-avukati tar-rikorrenti qajjmu diversi punti biss dawn baqgħu mhux indirizzati billi Fotso kien diġà beda jgħaddi l-pagamenti. Huwa xehed illi kien biss ftit tal-ġimgħat wara li ġie ffirmat il-ftehim illi beda jistudja s-solidità tas-soċjetà intimata u kien hawn illi ddeċida li jwaqqaf il-pagamenti għaliex deherlu li ma kienx hemm qliegħ u li l-intimati kienu qarqu bih.

Fotso kompla jixhed illi għalkemm il-ftehim kien jgħid li l-ħlas kellu jsir fi żmien tlett ijiem, kien hemm ftehim ta' rġulija li l-ħlas seta' jsir b'mod rateali.

Fotso xehed ukoll illi t-talba tiegħu għall-ħlas tad-danni tirreferi għall-fatt illi nonostante l-fatt li r-rikorrenti nvestiet u għaddiet is-somma ta' €150,000 lill-intimati, l-intimati rrifjutaw li jikkonvertu dan l-investiment f'ishma. In oltre, jgħid illi d-danni minnu mġarrba huma wkoll konsistenti f'telf ta' profitti u fin-nuqqas li jiġi rifuż l-ammont minnu nvestit una volta li r-relazzjoni bejn il-partijiet ixxellfet u n-negozju mar żmerċ. Żied jgħid illi li kieku kien edott mill-fatt li l-investiment tiegħu kien sejjer jintuża sabiex jitħallsu l-pagi u li s-software ma kienx għadu ġie żviluppat huwa ma kienx jinvesti. F'dan ir-rigward xehed illi fil-mument li ġie avviċinat biex jinvesti huwa kien taħt l-impressjoni li l-flus tal-investiment kienu ser iservu sabiex is-soċjetà intimata jkollha aktar flus x'tinvesti f'kampanja pubbliċitarja aggressiva.

L-intimat Bollier xehed illi dak iż-żmien li sar il-ftehim mas-soċjetà rikorrenti, OulalaGames Limited kelha tlett investituri u cioè is-soċjetà Amerikana Crome li nvestit is-somma ta' €100,000, Nadime Barday ċittadin tal-Madagascar li nvesta s-somma ta' €120,000, l-intimat Bollier, u Pizza Bet li fis-16 ta' Novembru 2015 ffirmat *Subscription Agreement* għal investiment tas-somma ta' €400,000. Kien hemm ukoll azzjonisti oħra li rċevew ishma in kambju għal salarju ridott.

Bollier xehed illi fil-mument li daħlu fl-istampa r-rikorrenti, is-soċjetà intimata kienet għadha ma bdietx topera iżda kienet qegħda tistudja s-suq fl-Ewropa sabiex tara jekk il-proġett tagħha, li kien wieħed ġdid u ambizzjuż, kienx prodott li seta'

jimxi f'dan is-suq. Xehed illi Oulala Games Limited kienet għadha fi stadju ta' *start up*.

Bollier kompla jixhed illi Oulala Games Limited bdiet iġġarrab problemi sejri fin-negozju tagħha minnufih malli s-soċjetà rikorrenti ma żammitx mal-ftehim u ma ħallsitx l-ammont intier fit-termini pattwiti. L-intimata ġiet f'sitwazzjoni fejn ma kelliex flus biex taħdem u saħansitra bdiet takkumula d-dejn. Issokta jgħid illi għalhekk użat il-flus li kienet irċeviet mingħand ir-rikorrenti sabiex b'hekk ħallset il-pagi tal-impjegati tagħha. Fi kliem Bollier ir-rikorrenti ġabu lill-intimata għarkobbtejha għaliex waqt li r-rikorrenti kellha tagħmel żewġ investimenti wieħed għas-somma ta' €330,000 u ieħor għas-somma ta' €400,000, ir-rikorrenti ħallset biss is-somma ta' €150,000. Jgħid illi kien proprju għalhekk illi ma nħarġux l-ishma. Żied jgħid illi waqt li l-intimata riedet tħallas lura s-somma ta' €150,000 biex b'hekk ir-rikorrenti joħroġu mill-proġett, l-intimata ma kelliex fondi biex tħallas. F'dan il-kuntest l-intimata ppruvat issib investitur ieħor biex b'hekk ikollha biex tħallas inkluż dak dovut lir-rikorrenti biss meta r-rikorrenti pproċediet legalment fil-konfront tal-intimata din spiċċat tilfet investitur potenzjali. Eventwalment Oulala Games Limited biegħet in-negozju lil Skingin Ltd, soċjetà Albaniża, biss dan għamiltu b'telf ta' 48% tal-valur li kienet qegħda tinnegozja ma nvestitur ieħor qabel ma ġiet rinfaċċjata b'kawża.

Bollier xehed illi l-flus illi ġabar mill-investimenti kienu ntiżi li jmorru fuq kampanja promozzjonali aggressiva. Huwa ried jassigura ruħu li qabel ivara l-proġett u allura qabel biss jibda n-negozju huwa jkun diġà ġabar il-flus kollha tal-investimenti. Irriżulta wkoll illi apparti l-ammonti li kellhom jidħlu mill-investimenti s-soċjetà intimata rċeviet ukoll is-somma ta' €300,000 taħt skema offruta mill-Gvern. Issokta jgħid illi l-proġett beda b'ħafna spejjeż u d-dejn malajr akkumula.

L-intimati jattribwixxu l-ħtija għall-falliment tal-proġett fuq ir-rikorrenti għaliex fil-fehma tagħhom Fotso għamel minn kollox biex ma jħallasx fil-ħin u b'hekk iġib lill-intimata f'sitwazzjoni tali li jitnaqqas il-valur tagħha u b'hekk jakkwistaha Fotso stess għal prezz baxx ħafna. Żied jgħid illi Fotso kellu l-informazzjoni kollha qabel ma nvesta u għalhekk kien jaf fhiex kien jikkonsisti

l-proġett u f'liema stadju kien wasal. Żied jgħid illi jekk ried aktar informazzjoni Fotso messu staqsa għaliha qabel investa. Jiċħad li kien hemm xi nformazzjoni mistura minnu.

Fost l-oħrajn xehed ukoll Graham Martin li huwa d-direttur u l-uniku azzjonista ta' Pizza Bet Ltd. Huwa xehed illi għalkemm iffirma *Subscription Agreement* għas-somma ta' €400,000 huwa għamilha ċara li huwa kellu jkun l-aħħar investitur. Spjega illi din ir-rikjesta għamilha bl-għan illi jipproteġi l-investiment tiegħu. Kompla jgħid illi għalkemm Oulala Games Limited kellha kampanja promozzjonali promettenti in-nuqqas t'investiment da parti tar-rikorrenti serva sabiex ħarbat il-pjan kollu u wassal in-negozju għal kollass qabel biss beda.

Minn dan kollu jirriżulta, illi r-rikorrenti ġiet mitluba tinvesti f'punt fejn in-negozju kien għadu lanqas biss beda. Fuq il-mejda kien hemm biss proġett promettenti, proġett però li kien jinvolvi ħafna spejjeż inizjali. Il-Qorti mhijiex ser tinoltra fil-mertu ta' kemm kellha mpjegati u uffiċini s-soċjetà intimata fil-mument fejn lanqas biss kienet għadha bdiet topera. Dan żgur mhuwiex il-mertu ta' dawn il-proċeduri. Li hu notevoli però huwa l-fatt li Oulala kienet għadha ma bdietx topera, addirittura lanqas setgħet tibda topera għaliex is-software li kienet teħtieġ biex taħdem lanqas biss kien għadu żviluppat. Kif ammess minn Bollier u minn xhieda oħra, senjatament minn Benjamin Carlotti, direttur maniġerjali, il-flus mill-investimenti ntużaw għall-ħlas tal-pagi, kera tal-uffiċini u kontijiet oħra. Li hu żgur hu li fil-punt meta ġie ffirmat il-ftehim bejn is-soċjetà rikorrenti u dik intimata ma kienx hemm profitti.

Huwa fatt stabbilit u ammess mir-rikorrenti li Camus Africa Limited m'ottempratx ruħha mal-obbligi minnha assunti fuq id-*Deed of Adherence* u s-*Subscription Agreement* tat-2 t'Ottubru 2015 u dan peress illi minkejja li kienet obbligata tħallas is-somma ta' €330,000 fi zmien tlett ijiem mid-data tal-ftehim, ir-rikorrenti effettwat biss parti mill-pagament u cioè s-somma ta' €150,000 li ġiet minnha mħallsa permezz ta' għadd ta' pagamenti. Il-pożizzjoni li ħadu r-rikorrenti f'dawn il-proċeduri hija li l-pagament twaqqaf għar-raġuni li ftit ġimgħat biss wara l-iffirmar tal-ftehim ir-rikorrenti dehrilhom li l-informazzjoni

ppreżentata lilhom kienet qarrieqa ntiża biss biex tinduċihom jinvestu.

Mill-banda l-oħra l-argument ċentrali tal-intimati huwa illi kien l-aġir tar-rikorrenti li sfratta n-negozju u kkawża danni lis-soċjetà intimata.

Qabel xejn jeħtieġ jiġu ndirizzat l-eċċezzjonijiet preliminari. Permezz tal-ewwel eċċezzjoni tagħhom l-intimati eċċepew in-nuqqs ta' relazzjoni ġuridika bejn Valery Bollier u r-rikorrenti. Imbagħad permezz tat-tieni eċċezzjni preliminari ġie eċċepit illi Georges Osvald Fotso m'għandux interess ġuridiku sabiex jipparteċipa f'dawn il-proċeduri stante l-fatt illi l-ftehim ġie ffirmat bejn is-soċjetà rikorrenti u dik intimata.

Minn qari tal-okkju tal-kawża u minn dak li jirriżulta mill-provi, huwa evidenti illi r-raġuni li ġew ċitati in ġudizzju r-rikorrenti Fotso u l-intimat Bollier personalment huwa dovut għall-fatt li kollox beda mir-relazzjoni ta' ħbiberija li dawn kellhom bejniethom u li ormai t-tnejn jinsabu jakkużaw lil xulxin għall-akkadut.  Il-Qorti tifhem ukoll illi f'dan il-każ Fotso huwa l-uniku direttur u azzjonista tas-soċjetà rikorrenti waqt illi l-intimat Vollier, apparti li huwa persuna ċentrali fis-soċjetà intimata huwa wkoll l-investitur oriġinali.  Tifhem għalhekk illi l-fatt li r-rikorrenti għażel li jinvolvi kemm lilu nnifsu kif ukoll lil Bollier pesonalment huwa dovut għal kull interess jew involviment personali li dawn seta' kellhom.

Mill-banda l-oħra, t-talba tar-rikorrenti hija għal dikjarazzjoni li l-kunsens tar-rikorrenti fuq id-*Deed of Adherence* u s-*Subscription Agreement* tat-2 t'Ottubru 2015 kien vizzjat b'qerq u dolo u li konsegwentement tiddikjara l-imsemmija atti bħala nulli u mingħajr effett.  L-atti relattivi jirriżulta li ġew iffirmati bejn Camus Africa Limited u Oulala Games Ltd.  Imkien ma jirriżulta li Fotso jew Bollier dehru fuq l-imsemmija atti personalment.  Tqis għalhekk illi għandu raġun l-intimat Bollier jeċċepixxi li m'għandux relazzjoni ġuridika mas-soċjetà rikorrenti u li għaldaqstant għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju.

Mill-banda l-oħra, il-Qorti tqis illi ma tistax tregi l-ewwel eċċezzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonati sa fejn dawn jeċċepixxu li Fotso m'għandux relazzjoni ġuridika mas-soċjetà intimata u li għalhekk għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju. Kien Fotso li l-ewwel fetaħ il-kawża ukoll f'ismu personalment. Madanakollu l-kwistjoni tal-lum hija prettament bejn is-soċjetà rikorrenti u dik intimata *qua* l-uniċi firmatarji fuq l-atti li qegħdin jiġu attakkati permezz ta' din il-kawża.

Delinejati l-provi u trattati l-eċċezzjonijiet preliminari, l-Qorti sejra tgħaddi minufih sabiex tittratta l-kwisjoni tal-qerq u dolo allegatament perpetrati mis-soċjetà intimata għad-dannu tas-soċjetà rikorrenti.

Il-Qorti tibda billi tirrileva illi skont il-prinċipju kostantament sostnut mill-Qrati, il-kuntratti huma preżunti validi u vinkolanti, u għalhekk, min jallega n-nullità tagħhom għandu l-oneru li jressaq prova sodisfaċjenti in sostenn tat-teżi tiegħu. Kif intqal fis-sentenza fl-ismijiet Gourmet Company Limited et vs Mariano Vella, deċiża mill-Qorti tal-Appell fid-19 ta' Novembru 2001:

> *"…l-iskritturi li jikkrejaw obbligazzjonjiet bejn il-kontraenti kellu jigi prezunt illi huma validi u li fedelment jirriflettu l-volontà kontrattwali taghhom. Min, bhal appellanti, jallega l-kontra u jadduci propju l-vizzju tal-kunsens kontrattwali bazat fuq xi wiehed mill-elementi li l-ligi stess tindika bhala raguni valida biex jigi vizjat tali kunsens, kellu biex jirnexxi fl-azzjoni, jipproduci provi univoci, konkluzivi, kredibbli u attendibbli in sostenn tal-pretensjonijiet tieghu..."*

L-ewwel talba attriċi hija bbażata fuq l-artikolu 1212 tal-Kap. 16 li jiddisponi li,

> *"Kull ftehim li fih tkun nieqsa xi waħda mill-kundizzjonijiet essenzjali sabiex kuntratt ikun jiswa', jew li l-liġi tiddikjara espressament li hu null, hu suġġett għar-rexxissjoni."*

A tenur tal-artikolu 981:

*"(1) L-għemil doluż huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni magħmulin minn waħda mill-partijiet ikunu tali illi mingħajrhom il-parti l-oħra ma kienitx tikkuntratta.*

*(2) L-għemil doluż ma jistax ikun preżunt, imma għandu jiġi ppruvat*."

In linea ta' prinċipju ġenerali, dwar il-qerq bħala vizzju tal-kunsens, fil-każ ta' George Portelli et vs Ivan John Felice, tat-28 ta' Lulju 2004, din il-Qorti diversament presjeduta qalet hekk:

*"Illi biex il-qerq jolqot il-kunsens tal-parti f'kuntratt u jħassar is-siwi tal-istess kunsens, jeħtieġ li (a) jitħaddmu mezzi jew atti qarrieqa; (b) li jkunu fihom infushom gravi (ċ) b'mod li jkunu determinanti għan-negozju li jkun sar bejn il-partijiet, u (d), fuq kollox, li tali mezzi jew atti jkunu twettqu mill-parti l-oħra. Biex il-qerq ikun gravi, irid ikun tali li persuna ta' dehen ordinarju ma jagħrafx li jkun ġie mqarraq u jkun għamil li jmur lil hinn minn ftaħir esaġerat dwar xi kwalità tal-oġġett tan-negozju, u li kieku ma kienx għal dak il-qerq, kieku ma kienx jidħol fin-negozju in kwestjoni. Fil-każ tal-qerq, għall-kuntrarju ta' dak li jiġri fil-vjolenza (bħala kawża ta' nullità tal-kunsens), is-sehem ta' terza persuna ma jkunx bizżejjed biex ixejjen is-siwi ta' kuntratt fejn il-kunsens ta' persuna jkun ġie meħud b'qerq. Dan il-prinċipju wkoll joħroġ mil-liġi;*

*Illi peress li l-għamil doluż ma jistax ikun prezunt, fejn jiġi allegat li l-kunsens ta' xi parti kien milqut minn vizzju, l-piz tal-prova ta' fatt bħal dan jaqa' fuq min iqanqal allegazzjoni bħal din. Fil-kaz prezenti, dan il-piz jaqa' fuq l-imħarrek rikonvenjent;*

*Illi l-qerq ma jistax jiġi allegat meta l-fatti setgħu jiġu stabbiliti bla xkiel jew diffikulta' zejda mill-parti li tallega l-qerq, għaliex f'kaz bħal dan ix-xilja ta' qerq ma tkunx għajr skuza faċli biex wieħed jaħrab milli jwettaq ir-rabtiet li jkun daħal għalihom mal-persuna li allegatament uzat il-qerq. Fuq kollox, għall-kuntrarju ta' dak li huwa meħtieġ meta jiġi allegat l-izball, fil-kaz tal-qerq l-effett tal-għamil doluz ma*

*hemmx bzonn li jaqa' fuq is-sustanza tal-oġġett tan-negozju li jkun*."

Dwar x'jammonta għal *dolo* u *mala fede* bħala vizzju tal-kunsens, ingħad hekk fis-sentenza ta' Reverendu Don Francesco Zammit et vs Avukat Dr Anthony Farrugia et, deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Marzu 1967:

"*...id-dolo jikkonsisti fir-rieda ħażina ta' wieħed mill-kontraenti li topera permezz ta' qerq (raġġiri) biex tiddevija r-rieda tal-ieħor billi tipprovoka żball ('errore'), Infatti, ikkunsidrat min-naħa tad-deceptor, id-dolo hu raġġir waqt li, kunsidrat min-naħa tad-deceptus, hu żball. Il-liġi, li diġà tikkontempla l-iżball bħala vizzju tal-kunsens għar-rasu, tħares f'dan il-każ aktar il-bogħod lejn il-kawża tiegħu u twassal għall-annullament tal-kuntratt anki meta l-iżball ma jkunx ġuridikament suffiċjenti biex waħdu iġib għan-nullità*."

Ġie ritenut ukoll minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-każ ta' Anthony Piscopo vs Charles Filletti, tas-16 ta' Ġunju 2003:

"*A propositu, l-Artikolu 981 (1) tal-Kodici Civili jiddisponi illi "l-eghmil doluz huwa motiv ta' nullità tal-ftehim, meta l-inganni maghmulin minn wahda mill-partijiet ikunu tali illi minghajrhom il-parti l-ohra ma kienitx tikkuntratta*";

*Dan il-qerq ma hu qatt prezunt, imma ghandu jigi ppruvat minn min jallegah, kif hekk irid is-subinciz (2) ghall-imsemmi artikolu precitat;*

*Issa biex jigi stabbilit u pruvat il-qerq trid issir il-prova illi l-parti l-ohra uzat scienter raggiri frawdolenti u artifizji li kienu gravi –*
*"Josephine Galea et –vs- AIC Walter Caruana Montaldo", Prim'Awla, Qorti Civili, 16 ta' Dicembru 1970. Fiha ntqal illi "d-dolo jirnexxi meta ma jhallix lill-vittma zmien u hsieb biex jirresisti, anzi jnehhi minn mohhu l-icken idea li hemm bzonn ta' resistenza u garanzija iktar minn dik prestata mill-persuna tal-kontraent l-iehor u tal-fiducja riposta fih*."

Dwar l-iżball bħala vizzju tal-kunsens, fis-sentenza fl-ismijiet Mark Debono vs Mary Zastera, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-28 ta' Jannar 2016 intqal li:

> "*Żball ikun skużabbli meta jkun kawżat mill-parti l-oħra tal-kuntratt, iżda minkejja dan, l-iżball ma jkunx skużabbli jekk bi ftit għaqal jista' jkun verifikat bla ħafna tbatija*."

Rilevanti wkoll huwa s-segwenti bran meħud mid-deċiżjoni fl-ismijiet Hannibal Pace vs Dennis Degiorgio noe, deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Jannar 2005:

> "*Jekk verament l-attur ma kienx qed jifhem kull ma kien qed jinqara huwa kien tenut li jitlob kjarifika dak il-hin u mhux jaqbad u jiffirma kif isostni li ghamel u mbaghad wara jippretendi li l-kuntratt jigi annullat ghaliex huwa ta l-kunsens tieghu minghajr ma ssalvagwardja l-interessi tieghu ghaliex qabad u ffirma ghal xi haga li ma kienx qed jifhem x'timplika jew xi tfisser*."

Fil-każ ta' llum ħareġ bl-aktar mod ċar mix-xhieda illi r-rikorrenti Fotso, nonostante li kellu f'idejh l-atti relattivi u informazzjoni oħra rigwardanti s-soċjetà intimata u l-operat tagħha, għażel mhux talli ma jaqrax il-materjal a dispożizzjoni tiegħu, talli saħansitra beda jgħaddi l-flus qabel biss iffirma l-ftehim. Żgur illi din il-leġġerezza ma tistax tiġi premjata. Kif jingħad fl-insenjamenti appena riportati, sabiex il-qerq jiġi meqjus bħala gravi, jeħtieġ li jkun tali li persuna b'kapaċità ntellettwali normali ma tintebaħx bil-qerq. Mhux biżżejjed issir il-prova li kien hemm ftaħir eżaġerat dwar in-negozju. F'dan il-każ ir-rikorrenti jallega l-qerq in kwantu l-intimat Bollier pinġa kwadru sabiħ u prosperuż tan-negozju li kien ser isir. Ir-rikorrenti jisħaq li kien hemm fatti mistura bħal fatt li s-*software* li riedet is-soċjetà intimata sabiex topera kien għadu lanqas biss ġie żviluppat. Waqt illi huwa minnu li tali prodott kien għadu fil-fażi ta' żvilupp, u huwa daqstant ieħor minnu li s-soċjetà intimata kienet għadha ma bdietx topera u allura ma kienx hemm profitti x'jiġu spartiti, jibqa' l-fatt li kien jinkombi fuq ir-rikorrenti li jagħmel ir-riċerka tiegħu sewwa, li japprofondixxi fil-mertu tan-negozju u dak kollu li dan kien jinvolvi. Ir-rikorrenti però naqas pależement milli jikkawtela l-interessi tiegħu u flok mexa bil-galbu għaġġel u

qabel ma biss kien għadu ħa parir legali kien diġà investa l-flus. Ir-rikorrenti stqarr li kien biss ftit tal-ġimgħat wara li ffirma l-ftehim li ntebaħ b'dak li għalih kienu nuqqasijiet u fatti ammontanti għal qerq. Il-Qorti però tqis illi dan il-każ ma jinkwadrax fl-ambitu tal-Artikolu 981 tal-Kap. 16. Dan il-każ huwa wieħed ta' negliġenza kbira da parti tar-rikorrenti u skużant sabiex ir-rikorrenti johrog mill-obbligi minnha assunti fuq il-ftehim tat-2 t'Ottubru 2015.

F'dan il-kuntest il-Qorti ma tistax tinjora li Georges Fotso jidher li huwa bniedem b'livell ta' edukazzjoni tajba u ta' esperjenza fin-negozju.

Fid-dawl ta' tali kunsiderazzjonijiet, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tiċħad it-talbiet kollha kif dedotti.

Kwantu għall-kontro-talba kif imressqa mill-intimati, stante illi din il-Qorti diġà stabbiliet u ddikjarat l-atti ffirmati fit-2 ta' Ottubru 2015 bħala validi u enforzabbli, il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali u tiddikjara illi s-soċjetà rikorrenti naqset pależement mill-obbligi minnha assunti fuq l-atti tat-2 t'Ottubru 2015 meta ma' ħallsitx l-ammont fl-intier fit-termini hemm pattwiti. Konsegwentement il-Qorti sejra tilqa' wkoll it-tieni talba u tordna lis-soċjetà rikorrenti tħallas il-bilanċ rimanenti fis-somma ta' €180,000.

Il-bqija tat-talbiet rikonvenzjonali u cioè dawk għal-likwidazzjoni tad-danni mġarrba mis-soċjetà intimata huma konsegwenzjali għall-ewwel żewġ talbiet.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet tagħha s-soċjetà intimata tikkwantikfika d-danni għas-somma ta' €400,000 rappreżentanti t-tieni parti tal-investiment li s-soċjetà attriċi ppromettiet verbalment illi kellha tagħmel. Tgħid għalhekk illi n-nuqqas tar-rikorrenti li teffettwa dan l-investiment jammonta għal ksur ta' obbligazzjonijiet pre-kontrattwali u dan peress illi anki jekk ma kienx għadu ffirmat ftehim li jirrfletti dan l-investiment fil-forma miktuba, it-trattattivi għar-rigward kienu waslu fi stat avvanzat ferm tant illi ntefqu somom sostanzjali sabiex jiġi redatt l-att tal-ftehim. Tgħid ukoll illi r-rikorrenti harbet minn tali trattattivi mingħajr ebda ġustifikazzjoni valida.

Is-soċjetà rikorrenti qegħda titlob ukoll kumpens għad-danni minnha mġarrba meta konsegwenza tal-proċeduri legali li sfat rinfaċċjata bihom spiċċa sfratta għal kollox il-ftehim li din kellha ma' Playtech Software Ltd. Tgħid illi għal din ir-raġuni l-valutazzjoni tas-soċjetà intimata niżel bir-rata ta' 48% u għalhekk minn valutazzjoni ta' €4,900,000 kif maqbul ma' Playtech Software Ltd, il-valutazzjoni niżlet għal €3,300,000.

Dwar responsabbilità prekontrattwali, il-Qorti sejra tirreferi għal dak illi ngħad għar-rigward fis-sentenza fl-ismijiet Alfred Attard et vs Paolo Xuereb et pro et noe deċiża fit-13 t'Ottubru 2003 minn din il-Qorti kif dak inhar preseduta, u mhux apellata, fejn ingħad hekk:

> "*In kwantu jirrigwarda r-responsabilita' prekontrattwali irid jinghad li l-ezistenza ta' dan il-kuncett fil-ligi Maltija ghadu dubbjuz u mhux ben definit. Dan il-kuncett ma giex introdott fil-Kodici Civili taghna bhal ma sar f'pajjizi ohra bhal l-Italja u l-Germanja. Dan il-kuncett gie ezaminat millQrati Taghna f'xi kazijiet izda qatt ma ttiehdet posizzjoni ben definita fir-rigward, anki jekk it-tendenza tidher li kienet aktar li t-teorija tigi rifjutata stante li ma tappartjenix lis-sistema ta' dritt Malti.*
>
> *L-ewwel kaz fejn din il-kwistjoni giet diskussa kien filkawza Giuffrida vs Borg Olivier (5.5.1967) fejn il-Qorti tal-Appell ezaminat il-kuncett izda kull ma gie stabbilit b'mod definittiv kien li r-responsabilita' kontrattwali m'ghandhiex tapplika ghal Gvern.*
>
> *Kaz iehor fejn dan il-kuncett gie diskuss kien Pullin vs Matysik (26.11.71) fejn il-Qorti laqghet it-talba ta' l-attur u ddecidiet li l-agir tal-konvenut li kien propjetarju ta' lukanda u kien dahal fi trattativi ma' l-attur rigward il-kiri ta' boutique fi hdan il-lukanda u kwazi wasal fi ftehim, izda sussegwentement ta l-kirja lil terzi, kien jammonta ghal culpa ai termini tal-Artikolu 1031 tal-Kap. 16 u li ghalhekk huwa kien responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur bhala konsegwenza ta' dan l-agir u dan stante li l-Qorti talApppell rriteniet li l-konvenut f'dak il-kaz kien negligenti jew almenu*

*imprudenti meta huwa assikura lill-atturi li kienu ser jiehdu l-kirja. F'dan il-kaz id-danni likwidati kienu jinkludu biss l-ispejjez inkorsi u mhux it-telf ta' qliegh.*

*F'sentenza tad-19 ta' Novembru 1971, Cassar vs Campbell Preston minn naha l-ohra, il-Qorti tal-Kummerc irrifjutat ghal kollox il-kuncett ta' responsabilita' prekontrattwali u rriteniet li din id-dottrina ma tiffurmax parti mis-sistema guridika Maltija u ma tistghax tigi accettata ghaliex altrimenti hadd ma jidhol f'negozjati minhabba lbiza' li jista' jinstab responsabbli ghad-danni.*

*Fil-kaz Grixti vs Grech 3.4.1998, il-Prim' Awla tal-Qorti Civili ma laqghetx it-talbiet atttrici ghal danni rizultanti minn responsabilita' pre-kontrattwalii izda rriteniet li azzjoni simili setghat tintlaqa' fejn:-*

*"il-parti l-wahda li tkun inkorriet in buona fede certu spejjes, bl-aspettativa ta' ftehim vinkolanti bejnha u bejn parti ohra, u dik il-parti l-ohra li tkun b'kapricc u kwazi malafede jekk mhux necessarjament b'ingann jew b'qerq, itterminat in-negozjati fi stadju fejn il-kunsens reciproku tal-partijiet kien identiku dwar il-kundizzjonijiet essenzjali tal-ftehim, izda ma sehhx b'konsegwenza ta' dan il-kapricc".*

*F'kaz sussegwenti Busuttil vs Muscat nomine 28 ta' Ottubru 1998 il-Prim' Awla tal-Qorti Civili regghet irrifjutat it-teorija ta' responsabilita' pre-kontrattwali u rriteniet li m'huwiex accettabbli li persuna tigi misjuba responsabbli ghal danni talli ma kkkonkluditx ftehim. F'dan il-kaz il-Qorti addirittura qalet li sakemm ftehim jigi ffirmat kull parti tista' tittermina n-negozjati minghajr konsegwenzi. F'kaz iehor aktar recenti (Frank Portelli nomine vs Onor. Michael Falzon et 18.5.2001) il-Prim' Awla tal-Qorti Civili qalet hekk:-*

*"Min jidhol f'negozjati ma haddiehor bi hsieb li jikkonkludi kuntratt jista' jallega li kien 'unfairly treated' u, kwindi, jitlob danni taht id-dottrina ta' 'pre-contractual liability'. F'dan ilkaz, pero', mhux biss talba ghad-danni ma saritx, izda, lanqas ma jirrizultaw cirkostanzi ta' qerq da parti ta' lawtoritajiet. Biex wiehed jista' jirreklama danni f'dawn*

*iccirkostanzi jrid jipprova terminazzjoni ingustifikat tannegozjati b'agir li kwazi jekwivali ghal dolus; f'dan il-kaz dan ma jirrizultax."*

*Illi fil-fehma tal-Qorti sabiex wiehed jista' jirreklama danni riizultanti minn responsabilita' pre-kontrattwali huwa jrid jipprova li t-terminazzjoni jew it-twaqqif tan-negozjati ma kienx gustifikat u li l-agir ta' min waqqaf in-negozjati irid ikun ekwivalenti ghal dolus. F'dawk ic-cirkostanzi d-danni li ghandhom jigi likwidati ghandhom ikunu limitati biss ghal spejjes realment inkorsi fil-kors tan-negozjati u konnessi ma' l-istess negozjati u mhux ghal eventwali telf ta' qliegh."*

Fis-sentenza tagħha tal-1 ta' Diċembru 2021 fl-ismijiet Attard Services Ltd vs Shell & MOH Aviation Fuels il-Qorti tal-Appell daħlet funditus fil-kwistjoni tad-danni prekontrattwali u studjat bir-reqqa l-ġurisprudenza kollha li trattat proprju dan il-kunċett. Tat ħarsa wkoll lejn l-iżvilupp tad-duttrin tal-*culpa in contrahendo* fil-kontinent Ewropew. Ingħad hekk:

*"25. Din il-Qorti, kif issa presjeduta, hija propensa taccetta li l-principju li min jirricedi, minghajr gustifikazzjoni, minn trattattivi li jkunu waslu fi stat avvanzat ghandu jaghmel tajjeb ghad-danni, ghandu jkun ammess flOrdinament Guridiku Malti, u ghal dan l-iskop il-principji kif elenkati millPrim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza "Grixti v. Grech noe" ghandhom jittiehdu bhala bazi. Qabel xejn, pero`, din il-Qorti sejra tezamina, fiddettall, in-natura u l-iskop tal-istitut kif espressi fid-duttrina u lgurisprudenza kontinentali, u tghid ghaliex din il-Qorti thoss li laccettazzjoni ta' dan l-istitut ma jmurx kontra l-principji ta' dritt privat kif espressi fl-Ordinament Guridiku Malti.*

*...*

*40. Ghalkemm il-Kodici Civili Malti, bhal dak Franciz u dak Taljan tal1865, huwa bazat fuq il-principju ta' volonta`, fuq il-kunsens u l-obbligi li jitwieldu biss mill-manifestazzjoni tieghu, il-bniedem ma jghix wahdu izda f'socjeta` u ghalhekk, filwaqt li ghandu dritt jezercita d-drittijiet tieghu personali, dawn irid jezercitahom fil-limiti taghhom u*

*minghajr ma jikkaguna hsara lil haddiehor. Dan hu principju accettat fl-Ordinament Guridiku Malti, u nsibu applikazzjoni generali tieghu mhux biss fid-delitt u kwazi-delitt (Artikolu 1030 et seq tal-Kodici Civili), izda wkoll fil-proprjeta`, fejn ghalkemm ihaddem il-principju li proprjetarju jista' jinqeda u jaghmel li jrid bi hwejgu (rifless fil-principju li l-proprjeta` twassal ghal-ius utendi, fruendi et abutendi), dan jista' jaghmlu fil-limiti tal-bonvicinat, basta, jigifieri, li bl-ezercizzju tad-drittijiet tieghu ma jikkawzax hsara lil haddiehor. Hekk fil-kawza klassika "Bugeja v. Washington" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-5 ta' Mejju, 1897 (Kollez. Vol. XVI.i.38), intqal li:*

*"Il diritto de proprietario di usare liberamente del suo fondo e di farvi le modificazioni che crede conveniente cessa la ove si reca grave molestia al vicino."*

*Dan il-principju gie abbraccjat dan l-ahhar minn din il-Qorti fil-kawza "Vella v. Mifsud" deciza fis-27 ta' Gunju, 2003.*

*...*

*44. ... Applikat dan il-principju, persuna li tkun qed tittratta ma' persuna ohra, u jkun intlahaq stadju fejn in-negozjati gew kwazi konkluzi pozittivament, ghandu jkollu l-aspettativa legittima tieghu li l-kuntratt jigi effettivament konkluz, protetta bil-ligi, fis-sens li dak il-kontroparti li, minghajr raguni gusta, iwaqqaf hesrem dawk it-trattattivi, ghandu jwiegeb ghad-danni. Hekk kif l-ezercizzju ta' dritt isib il-limitazzjoni tieghu fir-rispett tad-drittijiet ta' haddiehor, hawn ukoll id-dritt li wiehed jerga' lura mit-trattattivi isib kwalifikazzjoni fil-htiega ta' rispett ghal aspettativa legittima tal-parti l-ohra. Kontra l-oggezzjoni li l-principju ta' responsabilita` prekontrattwali jista' jfixkel il-kummerc hieles din il-Qorti tosserva li dan il-principju ilu accettat u segwit fi Franza, fl-Italja u fil-Germanja, fost pajjizi ohra, u ma jidhirx li dan il-principju kien ta' xkiel ghall-kummerc f'dawk il-pajjizi. Kif jghid il-Bessone ("Rapporto precontrattuale e doveri di correttezza" Giuffre`, 1971 Ed. p. 245),*

*"lungi dal compromettere ruolo ed utilita` sociale della trattativa, l'operare di un oculato regime di responsabilita` per recesso assicura un migliore andamento del mercato, con il fatto stesso di contenere il rischio di iniziativa degli operatori avveduti e di scoraggiare i contegni sleali o poco corretti".*

*...*

*61. Fil-qosor, allura, ikun hemm raguni biex tigi akkolta rresponsabilita` ghad-danni wara ksur tat-trattattivi, f'kull kaz meta ttrattattivi jkunu waslu f'dak l-istat avvanzat fejn il-partijiet ikunu mhux biss waslu f'akkordju fuq l-elementi essenzjali tan-negozju, izda c-cirkostanzi jkunu jindikaw rieda li l-partijiet jikkonkludu formalment il-kuntratt; raggunt dak l-istat, il-kontraent li, b'hazen jew traskuragni, jittermina n-negozjati minghajr raguni gusta, valutata oggettivament, ikollu mhux biss jirrifondi dawk l-ispejjez legittimament minfuqa mill-parti l-ohra, izda jrid jaghmel tajjeb ghal dawk id-danni li huma konsegwenza diretta u immedjata talksur tat-trattattivi, cioe`, il-qligh li kienet taghmel dik il-parti l-ohra li kieku impenjat ruhha fi trattattivi alternattivi; il-prova tal-malafede u tad-dannu, trid issir mill-attur li qed jallegaha.*

*62. Din, fil-fehma ta' din il-Qorti, tista' tkun il-posizzjoni applikabbli flOrdinament Guridiku Malti u ghandha tkun accettata mill-Qrati Maltin, mhux biss bhala applikazzjoni specifika tad-duttrina ta' neminem laedere, izda b'harsien ukoll ghal principju ta' solidarjeta` u bona fide li ghandu, fin-nuqqas ta' ostakolu legislattiv, japplika fir-relazzjonijiet kollha ta' bejn dawk li huma soggetti ghal dak l-Ordinament.*

*63. Din il-Qorti, ghal kull buon fini, tirreferi ghal dak li osservat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kawza "Spiteri v. Associated Supplies Ltd", deciza finalment mill-Onorabbli Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-20 ta' Ottubru, 2003, li jista' jitqies innovattiv daqs kemm jaqbel mal-principju enuncjat, u cioe`:*

*"Illi fit-trattattivi preliminari bejn venditur u kompratur, huwa l-onus talpartijiet li jidhlu ghal dawn it-trattattivi*

*b'animu limpidu u b'buona fede assoluta li ghandhom izommuhom tul it-trattattivi u anke oltre lkonsolidament kontrattwali;*

*Illi jirrizulta li l-attur li ttratta mas-socjeta` kovnenuta hu bniedem komuni injar mill-finezzi xjentifici li taghhom hija responsabbli ssocjeta` konvenuta, liema socjeta` hi tenuta tispjega sewwa u kif dovut is-sitwazzjoni xjentifika lill-kompratur potenzjali;*

*Illi l-minimu li kompratur jirrikjedi f'cirkostanzi bhal dawn hu li tal-flus li qed ihallas hu jircievi s-servizz mitlub minghajr umiljazzjonijiet, raggieri jew intoppi inutli;*

*Illi l-obbligu tal-venditur, molto piu` bhal ma hu fil-kaz odjern meta ma tezistix dik il-konsapevolezza xjentifika minn wiehed mill-partijiet li tirrendi ghalhekk wahda mill-parti vulnerabbli aktar mill-ohra, allura lvenditur irid m'hux biss jiggwida lill-kompratur potenzjali biex ipoggieh f'posizzjoni li jeffetwa l-ghazla informata li hi l-aktar idonea ghalieh, izda li dejjem jagixxi in buona fede fil-konfront tieghu u ma jindirizzahx lejn decizjonijiet li jistghu b'xi mod ikunu ta' pregudizzju ghalieh u minghajr ma l-kompratur potenzjali jkun qed jara tali pregudizzju;"*

*64. Ricentement, din il-Qorti ghamlet studju qasir ta' dan l-istitut u approvat in-nozjoni bhala applikabbli ghal Malta. Is-sentenza hija "L-Avukat Peter Fenech noe v. Dipartiment tal-Kuntratti", deciza fid-29 ta' April, 2016. Din il-Qorti hadet zvolta differenti tal-materja u qieset irresponsabilita` bhala wahda kuntrattwali. Saru dawn l-osservazzjonijiet fil-kontest tal-materja issa in diskussjoni:*

*"……….meta partijiet jidhlu fi trattattivi bil-hsieb li jintrabtu b'kuntratt bejniethom, ga` f'dak il-waqt jinholoq kuntratt: mhux il-kuntratt li bilhsieb tieghu jkunu qeghdin jinnegozjaw izda ftehim de innuendo contractu li bis-sahha tieghu l-partijiet jintrabtu, mhux illi jaghtu l-kunsens ghall-kuntratt li dwaru jkunu qeghdin jittrattaw, izda illi jinnegozjaw in bona fide u illi ma jirtirawx min-negozjati ghal raguni li ma tkunx tiswa fil-ligi jew li tkun in mala fide. Jekk parti tonqos*

*minn dan l-obbligu imnissel mill-kuntratt – jew pre-kuntratt – de innuendo contractu, ikollha taghmel tajjeb ghad-danni li tkun garrbet il-parti l-ohra. Il-kejl ta' dawn id-danni ma huwiex il-valur tal-kuntratt li ma sehhx, appuntu ghax dak il-kuntratt ma sehhx u ma holoq ebda rabta, izda dak li jissejjah l-'interess negativ', i.e. id-danni li l-parti l-ohra ma kinitx iggarrab li kieku ma dahlitx fin-negozjati: l-ispejjez li tkun dahlet fihom biex taghmel jew tqis l-offerta u, possibilment, l-opportunitajiet mitlufa*."

Riferibbilment għall-każ tal-lum, mill-provi jirriżulta li l-partijiet kienu waslu fi stadju inoltrat tan-negozjati tant illi kien diġà ġie ffirmat ftehim in kwantu l-ewwel parti tal-investiment għas-somma ta' €330,000. Ma jirriżultax illi l-partijiet kienu ffirmaw ftehim għar-rigward it-tieni parti tal-investiment u cioè dik għas-somma ta' €400,000. Madanakollu, jidher illi f'dan ir-rigward l-intimat Bollier u d-diriġenti l-oħra fi ħdan is-soċjetà intimata kienu bagħtu diversi e-mails lir-rikorrenti Fotso sabiex jistiednuh jattinġi ruħu mal-obbligazzjonijiet minnu assunti u allura sabiex jivversa l-bqija tal-investiment. Il-Qorti tosserva illi għalkemm dawn il-provi ma ġewx kontestati, biss mill-banda l-oħra, waqt li s-soċjetà intimata tisħaq li kienu saru diversi spejjeż għar-rigward il-ftehim dwar l-investiment t'€400,000, f'dan ir-rigward ma tressqu ebda provi la ta l-ispiża li saret u wisq anqas tal-abbozz li kien diġà ġie redatt.

Abbażi tal-insenjament fuq traċċjat, bejn il-partijiet jista' jingħad illi kien hemm ftehim *de innuendo contractu* bis-saħħa ta' liema s-soċjetà intimata kellha aspettattiva leġittima li l-ftehim kien sejjer isir liema aspettattiva kienet aktar u aktar imsaħħa bil-fatt li s-soċjetajiet f'din il-kawża kienu diġà ffirmaw l-ewwel ftehim u kien diġà beda l-versament tal-ħlas. Irriżulta wkoll illi ma kien hemm ebda raġuni valida li tiġġustifika għaliex is-soċjetà rikorrenti rtirat minn dak l-ftehim u b'hekk għad-danni *vis-a-vis* is-soċjetà intimata. Biss, kif ingħad fis-sentenza fl-ismijiet Attard Services Ltd vs Shell & MOH Aviation Fuels mhux kull għamla ta' danni tinkwadra bħala pagabbli fil-kuntest tal-prinċipju tad-danni pre-kontrattwali. F'każijiet ta' din ix-xorta d-danni għalhekk mhumiex dawk skont il-valur tal-ftehim iżda dawk konsistenti f'telf li ma kienx jiġġarrab li kieku l-ftehim ġie konkluż. Il-Qorti tal-Appell fissret illi tali danni jikkonsistu fl-

"*ispejjez li tkun dahlet fihom biex taghmel jew tqis l-offerta u, possibilment, l-opportunitajiet mitlufa*."

Kif diġà ingħad, f'dan il-każ is-soċjetà intimata naqset milli tressaq provi in sostenn ta' x'tip ta' spejjeż daħlet fihom in relazzjoni man-negozjati. Lanqas ma tressqu provi dwar kemm laqgħat kienu nżammu għar-rigward u jekk sarux xi abbozzi. L-unika prova hija skambju ta' e-mails mibgħuta personalment minn Bollier u minn uffiċjali oħra tas-soċjetà intimata, skambju li ċertament ma jinvolvi ebda spejjeż.

Għar-rigward in-nuqqas fil-valur imgarrba mis-soċjetà intimata, il-Qorti ssib illi ma jirriżultawx in atti provi suffiċjenti u fil-grad meħtieġ mil-liġi sabiex jingħad illi dan kien interament u esklussivament attribwibbli għall-aġir tas-soċjetà rikorrenti. Huwa minnu li l-aġir tas-soċjetà rikorrenti u n-nuqqas tagħha li tottempera ruħha mal-obbligazzjonijiet minnha assunti fuq il-ftehim tat-2 t'Ottubru 2015 żgur illi kellu mpatt fuq l-andament ġenerali tan-negozju li riedet tvara s-soċjetà intimata. Huwa wkoll plawsibbli li l-intavolar ta' proċeduri fil-konfront tas-soċjetà intimata seta' sfratta n-negozjar li kien għaddej bejn is-soċjetà intimata u Playtech Software Ltd. Madanakollu, wara li qrat l-att iffirmat bejn Oulala Games Limited u Playtech Software Limited, il-Qorti tosserva li f'dan l-att tniżżlu diversi kundizzjonijet dwar il-bejgħ. Il-Qorti qegħda tqis ukoll illi anki jekk finalment irriżulta li s-soċjetà rikorrenti ma kelliex raġun fil-pretensjoni tagħha, ma tistax titqies hatja biss għaliex ħadet passi in kawtela ta' dak li rriteniet huma l-pretensjonijiet tagħha. Eżaminati l-atti, il-Qorti mhijiex konvinta li l-iżvalutar tan-negozju kien esklussivament tort tal-aġir tas-soċjetà rikorrenti u għalhekk ma tistax din tiġi kkundannata tħallas danni sempliċement abbażi ta' konġetturi li d-direttur u azzjonista tas-soċjetà rikorrenti aġixxa b'mala fede biex inaqqas il-valur tas-soċjetà intimata u b'hekk jakkwistaha versu prezz inqas, teorija din li ma ssib ebda fondament in atti wisq inqas prova fil-grad rikjest mil-liġi.

Għar-raġunijiet premessi, il-Qorti sejra tiċħad dawk it-talbiet ai termini li bihom is-soċjetà intimata talbet il-likwidazzjoni u ħlas tad-danni.

Għalhekk u ghal dawn ir-ragunijiet, din il-Qorti qegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u waqt illi tiddikjara illi Valery Bollier m'għandu ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà rikorrenti, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

2. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara n-nuqqas t'interess ġuridiku fir-rikorrenti Georges Fotso.

3. Tilqa' l-bqija tal-eċċezzjonijiet.

4. Tiċħad it-talbiet attriċi.

5. Tipprovdi dwar i-kontro-talba billi:

   (i) Tilqa' l-ewwel eċċezzjoni u waqt illi tiddikjara li r-rikorrenti Fotso m'għandu ebda relazzjoni ġuridika mas-soċjetà intimata, tilliberah mill-osservanza tal-ġudizzju.

   (ii) Tiċħad il-bqija tal-eċċezzjonijiet.

   (iii) Tilqa' l-ewwel talba rikonvenzjonali u tiddikjara illi Camus Africa Limited naqset mill-obbligazzjonijiet minnha assunti fuq is-*Subscription Agreement* u d-*Deed of Adherence* tat-2 t'Ottubru 2015 ai termini ta' liema obbligat ruħha illi takkwista tliet mija u sittin (360) sehem fis-soċjetà Oluala Games Limited għas-somma ta' tlett mija u tletin elf Ewro (€330,000).

   (iv) Tilqa' t-tieni talba u tordna lis-soċjetà rikorrenti Camus Africa Limited tħallas lis-soċjetà intimata Oulala Games Ltd is-somma ta' mija u tmenin elf Ewro (€180,000) rappreżentanti bilanċ rimanenti mis-*Subscription price* kif maqbul fuq is-*Subscription Agreement* tat-2 t'Ottubru 2015, u tikkundanna lis-soċjetà rikorrenti tħallas l-ammont hekk likwidat.

   (v) Tiċħad il-bqija tat-talbiet.

6. Tordna illi l-ispejjeż ta’ din il-kawża jitħallsu in kwantu għal żewġ terzi mis-soċjetà rikorrenti u in kwantu għal terz mis-soċjetà intimata.

IMHALLEF

DEP/REG